Ref Nru: 29

Il-minuti tad-disgha u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tnejn 1 ta' Dicembru 2014, fis-7:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 EAFRD mizura 313.

3.1 Is-Sindku semma li l-*brochures* fuq il-*Heritage Trail* tlestew. Huwa semma li qed baqa xi xoghol ta' pavimentar fil-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr. Huwa semma wkoll li saru xi hsarat bil-maltemp fuq il-*gazebo's* l-godda li twahhlu f'dan il-gnien izda dawn trangaw minn Xerri's Garden Centre. Giet trattata stima minghand Xerri's Garden Centre ghal dan ix-xoghol ta' manutenzjoni.

## 4 Inawgurazzjoni tal-Qala Folk Art Museum.

4.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tax-xogholijiet li saru fil-Qala Folk Art Museum. Huwa semma li Dr Ray Debono Roberts ghandu xi bank antik ghal dan il-muzew li jiswa €600. Huwa semma li dan il-muzew ser jigi inawgurat il-Gimgha 19 ta' Dicembru 2014 fis-7:30 ta' filghaxija. Huwa semma wkoll li peress li l-fondi sabiex sar dan il-muzew inghataw mill-ECO Gozo, ghandu jigi mistieden il-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Dr Anton Refalo sabiex jinawgurah huwa.

## 5 Progett ta' tisbih tal-gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa.

5.1 Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti ghat-tisbih tal-gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa u li gew mqabbda periti ohra biex jaghmlu l-specifikazzjonijiet ghall-offerta.

## 6 Progett tal-*pipeline* tal-ilma minn Hondoq ir-Rummien limiti l-Qala sa ta' Sannat.

6.1 Is-Sindku semma li huwa kien involut fuq ix-xoghol fejn saru xi diskussjonijiet fuq kif ser isir ir-*resurfacing* ta' Triq l-Imgarr. Huwa semma li ser isiru xi *gutters* bil-konkos fil-gnub.

## 7 Premju Unur Gieh il-Qala 2014.

7.1 Is-Sindku ppropona li din is-sena Premju Unur Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Nancy Xerri li ilha diversi snin taghmel xoghol volontarju f'kull qasam tal-parrocca. Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-proposta. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma wkoll li fil-futur ghandu jigi kkonsidrat li dan il-premju jinghata lil qassisin Dun Karm Xerri u Mons Lawrenz Xerri. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku semma li s-serata fejn jinghata dan il-premju ser issir nhar il-Gimgha 26 ta' Dicembru 2014. Gie deciz li jigi kkuntatjat Toni Mizzi jew Freddu Portelli sabiex xi hadd minnhom jaghmel tahdita fuq il-lokalita` tal-Qala.

## 8 L-istrina – attivita` bejn il-Kunsill u l-Parrocca.

8.1 Is-Sindku semma li l-President ta' Malta l-Ecc. Taghha Marie Louise Coleiro Preca ser izur l-irhula kollha fl-okkazzjoni tal-istrina u li kull rahal irrid jaghmel gabra. Il-Kunsilli u l-Parrocci gew mitluba sabiex jorganizzaw attivita` bejniethom. Iz-zjara mill-President fil-lokalita` tal-Qala ser isir nhar is-Sibt 20 ta' Dicembru 2014 bejn l-10:00 u l-11:00 ta' filghodu. Is-Sindku semma li huwa tkellem mal-Arcipriet fejn gie deciz li ghandha tintbghat ittra go kull dar fil-lokalita` fejn jigi mitlub sabiex minn irid jista` joffri donazzjoni ghall-istrina u tingab jew lill-Kunsill jew lill-Knisja. Is-Sindku semma li l-attivita` fil-Qala ser tkun tikkonsisti f'kant mill-Kor Magnificat, daqq mill-Banda Ite ad Joseph u zfin mill-Menhir Qala Folk Group.

**9 Il-bqija tal-attivitijiet ghal zmien il-Milied.**

9.1 Is-Sindku semma li attivitajiet l-ohra li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied huma s-serata ghall-familja li gie deciz li ghandha jsir il-Hadd 21 ta' Dicembru 2014, il-harga ghal Malta li ser isir l-Erbgha 17 ta' Dicembru 2014 u l-harga ghall-anzjani u nisa li ser isir nhar it-Tnejn 29 ta' Dicembru 2014.

**10 Ghazla tal-offerta ghal *Sub-lease* ta' *Clubhous*e u l-*area* ta' madwar fi Triq l-Imgarr, Qala.**

10.1 Ghall-offerta ghal *Sub-lease* ta' *Clubhouse* u l-*area* ta' madwar fi Triq l-Imgarr, Qala li nharget ghal pubbliku, giet sottomessi offerta wahda minghand Qala Saints Football Club. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tnejn 1 ta' Dicembru 2014 f'nofsinhar fil-prezensa tal-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill studja din l-offerta u ddecida li ghandha tigi accettata din l-offerta.

**11 Laqgha mal-Inginier Charlie Camilleri WSC**.

11.1 L-Inginier Charlie Camilleri tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ma setax jattendi ghal din il-laqgha.

**12 Korrispondenza:**

12.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

12.2 Ittra mibghuta minn Laura Cassar mill-Isptar Generali t'Ghawdex dwar it-tibdil tal-hin tal-ftuh tal-berga tal-lokal, li ser ikun bejn id-9:30 u l-10:15 ta' filghodu.

12.3 Is-sentenza tal-kawża bejn Eric Mercieca u l-Kunsill Lokali Qala fejn il-Kunsill irrid ihallas nofs is-somma tas-servizz li sar. Gie trattat rikors tal-appell ta' Eric Mercieca ghal din is-sentenza.

12.4 Giet trattata stima ta' provvista u installazzjoni ta' *camera* fejn il-*bring in site* fi Triq ta' Gulju. Gie deciz li jingabu stimi ohrajn.

12.5 Notifika t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza EC/00373/14, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

QALA

Gew diskussi xi materji ohra:

Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri ser jipprepara l-ispecifikazzjonijiet ghall-offerta ghal xoghol ta' *resurfacing* bil-konkos ta' parti minn Triq Wied Simar.

Is-Sindku semma li nghata bidu ghat-tqattieh tal-bqija tal-*ground* tal-*football*. Dan ix-xoghol ser isir skond il-kuntratt li ghandu l-Kunsill ghal kiri tal-ingenji u li ser jigi jiswa madwar €4,000.

Is-Sindku semma wkoll li x-xoghol li baqa` fuq il-Fortizza ta' Sant Antnin huwa t-tikhil tal-faxxi tal-faccata. Huwa semma wkoll li Din L-Art Helwa jridu li jitnehha t-terrapien, li lanqas ghadu jidher peress li sar kollu bil-haxix, li hemm quddiem il-fortizza.

Il-Vici Sindku ta spejgazzjoni tas-smigh li sar fuq l-applikazzjoni PA/04811/10. Huwa semma li dan il-permess iggedded ghal hames snin ohra. Il-MEPA hadu f'konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet li ghamel il-Perit Edward Scerri f'isem il-Kunsill. Il-Vici Sindku semma li gie mitlub sabiex il-klawsola li hemm fil-permess ezistenti li tghid li l-Kunsill irrid jinghata Lm2,000 fis-sena ghal manutenzjoni tat-toroq minn fejn jghaddu l-trukkijiet, ghandha tizdied bin-nofs. Izda din it-talba ma gietx accettata. Il-Kunsill gie mitlub li sabiex jithallas irrid jaghmel ix-xoghol tal-*patching* u wara jibghat certifikat tal-Perit dwar dan ix-xoghol lil MEPA. Il-Kunsill gie mitlub sabiex jaghmel it-tabelli minhabba s-sid tal-barriera li jrid juza r-rotta li ghandu fil-permess. Il-Kunsill iddiskuta kif ghandhom isiru dawn it-tabelli u minn ghandu jinforza. Is-Sindku semma li entita` jew Kunsill irid iqabbad ufficjal tat-*Traffic*, Gwardjan Lokali jew Pulizija sabiex isir l-inforzar. Huwa semma wkoll li t-*Transport Malta* tapprova tabelli u mhux tinforza. Gie trattata l-ittra tas-*submissions* li saret mill-Perit Edward Scerri.

Il-Vici Sindku ta spejgazzjoni fuq l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp fil-Wied tal-Marga. Huwa semma li ma kienx hareg permess ghall-izvilupp tal-applikazzjoni PA 7697/06 peress li kien hemm propost li ser jinbena sular taht l-art. Dwar l-applikazzjoni PA 4724/07 kien qed jigi propost li jsir il-bini ezatt minn fejn jghaddi hafna ilma tax-xita. Ghalhekk is-sid intalab sabiex il-bini jinbena fuq il-palastri halli l-ilma tal-wied jibqa` ghaddej. Il-Vici Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja lil Perit Anthony Fenech Vella tal-ghajnuna tieghu fuq dawn l-applikazzjonijiet.

Gew mibghuti zewg ittri mill-Kunsill lir-Ruben Said tat-Transport Malta. Ittra minnhom dwar proposta sabiex il-karozza tal-linja rotta 322 tibda tghaddi ukoll mill-lokalita` tal-Qala u l-ittra l-ohra dwar proposta ghal *stop sign* fi Triq it-Tempju u *slow sign* fi Triq it-30 t'Ottubru 1948.

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil-awdituri Spiteri Bailey and Co bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2013.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-16 ta' Ottubru 2014 sa1-1 ta' Dicembru 2014 minn referenza numru 196/14 sa referenza numru 234/14 (registru

tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 65/14 sa referenza numru 82/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 11/2014 u SP 12/2014. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

Il-laqgha ntemmet fit-8:45 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha l-23 ta' Jannar 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |